

Brussell, 20 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8862/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0190(COD)

CODEC 715
CULT 35
AUDIO 56
CADREFIN 250
RELEX 442
PE 52

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mit-18 sal-21 ta' Mejju 2021)

I. VOT

Fid-19 ta' Mejju 2021, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

¹ 14146/1/20 REV 1.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P9_TA(2021)0239

Programm "Ewropa Kreattiva" *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (14146/1/2020 – C9-0134/2021 – 2018/0190(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (14146/1/2020 – C9-0134/2021),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Frar 2019³,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁴ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0366),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A9-0161/2021),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

² ĠU C 110, 22.3.2019, p. 87.

³ ĠU C 168, 16.5.2019, p. 37.

⁴ ĠU C 108, 26.3.2021, p. 934.

5. Jagħti iŋstruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. Jagħti iŋstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ANNESSE GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Fil-kuntest tal-premessa 23 u l-Anness I, Artikolu 1, azzjonijiet speċjali e) kif ukoll l-Artikolu 7(5) tar-Regolament imsemmi hawn fuq, kif qablu l-koleġiżlaturi fl-14 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tnedi sejħiet għal proposti li jistiednu applikazzjonijiet għall-għotjiet operattivi pluriennali li għalihom jistgħu japplikaw l-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea u entitajiet oħra u li jkunu jipprovdu l-istabbiltà neċessarja għall-funzjonament tal-ħtieġa ta' dawn l-entitajiet. Dawn is-sejħiet ser ikunu soġġetti għall-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma, li ser jistabbilixxu l-kundizzjonijiet eżatti, bħall-iskedar tas-sejħiet jew id-durati tal-ftehimiet ta' għotja previsti. Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll l-intenzjoni tagħha li tnedi l-ewwel waħda minn dawn is-sejħiet fil-programm ta' ħidma annwali 2021. Din l-intenzjoni hija soġġetta għall-adozzjoni tar-regolament imsemmi hawn fuq u tal-ftehim finali dwar il-baġit tal-Unjoni għall-2021.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-koleġiżlaturi ddeċidew li jżommu l-logo ta' MEDIA. Dan imur kontra l-approċċ orizzontali li ma jintużawx logos speċifiċi għall-programm fl-ambitu tal-baġit fit-tul futur. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tiżgura li l-Ewropej jirrelataw mal-Unjoni kollha kemm hi, billi l-programmi differenti tagħha jkunu jużaw l-emblema Ewropea unika. Din l-emblema hi komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE u se tkun parti importanti mir-rekwiżiti tal-komunikazzjoni u tal-viżibbiltà sempliċi, koerenti u vinkolanti fil-programmi kollha. Sabiex jintlaħaq ftehim ġenerali dwar il-programm, il-Kummissjoni tista' taċċetta li żżomm il-logo ta' MEDIA sakemm dan jibqa' limitat għad-durata tal-perjodu ta' programmazzjoni kkonċernat.

Il-Kummissjoni tibqa' konvinta li l-komunikazzjoni u l-viżibbiltà tal-azzjoni tal-UE lejn pubbliku wiesa' jkunu aktar effettivi mingħajr l-ebda logo speċifiku għal xi programm. Il-Kummissjoni tibqa' għad-dispożizzjoni tal-koleġiżlaturi biex turi dan kollu ferm qabel in-negozjati tal-perjodu ta' programmazzjoni sussegwenti.